MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 566/2010

**Tonio Friggieri (K.I. 3870M)**
**Vs**
**George Cauchi (K.I. 198059M) u**
**John Cauchi (K.I. 101257M) u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar il-11 ta' Mejju, 2011, giet kjamata in kawza s-Socjeta' GeoMike Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur qed jitlob lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' seba' mija u sebgha u sebghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€777.62) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet maghmulha mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut, li baqghu ma thallsux; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 30 ta' Marzu 2010 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut John Cauchi fil-25 ta' Mejju, 2010 fejn eccepixxa illi in linea preleminari l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur. Illi ghal dan il-ghan l-eccipjent jitlob il-kjamata in kawza tal-kumpanija Geomike Limited (C-8820) li hija semmai responsabbli ghall-hlas tal-ammont pretiz mill-attur; illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nsostenibbli fil-konfront ta' l-ecipjent stante li xogholijiet inkwistjoni saru esklussivament a beneficcju kif ukoll fuq ordni ta' l-imsemmija kumpanija Geomike Limited (C-8820); illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut mill-eccipjenti; salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra r-risposta tal-konvenut George Cauchi pprezentata fl-4 ta' Gunju 2010 fejn ippremetta illi George Cauchi mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u dan peress li ma ordna ebda xogholijiet minghand l-attur; illi x-xogholijiet li saru kienu fuq ordni ta' John Cauchi a beneficcju ta' Geomike Limited; salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza, Geomike Ltd (C-8820), pprezentata fil- 25 t'Ottubru, 2011 fejn ippremettiet illi preliminarjament, l-esponenti Socjeta' Geomike Ltd mhiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti stante illi hija, fl-ebda hin u waqt, ma dahlet f'xi trattattivi mar-rikorrenti u fl-ebda hin m'awtorizzat lil xi mpjegat minn taghha sabiex jidhol f'xi trattattivi mal-istess rikorrenti; illi dan qed jigi sottomess stante li John Cauchi u s-socjeta' esponenti Geomike Ltd huma persuni legalment distinti u ghaldaqstant galadarba jirrizulta li kull trattattiva saret ma certa John Cauchi, li la hu ufficjal, azzjonist u lanqas qatt kien awtorizzat jirraprezenta lis-socjeta' eccepjenti Geomike Ltd, kull azzjoni ghandha tigi diretta lilu peress li huwa dejjem agixxa f'ismu u minn jeddu ghal liema raguni s-socjeta' esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; illi fil-mertu, t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez r-rikorrenti peress illi s-socjeta' eccepjenti qatt ma ordnat ix-xogholijiet imsemmija fl-att tar-rikors; salv eccezzjonijiet ohra u kull azzjoni ohra li

tista’ tispetta lis-socjeta’ ecepjenti kontra l-istess John Cauchi; salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti kollha;

Sema’ x-xhieda ta’ John Cauchi u ta’ George Cauchi, Carmel Spiteri, u Tonio Friggieri;

Ra d-dokumenti prezentati;
Ra l-verbal tat- 28 ta’ Frar, 2013 li bih thalliet ghas-sentenza;

**Tonio Frigieri** ddikjara illi hu kien gie inkarigat jaghmel xoghol ta’ *spray* fuq it-tarag tal-hanut tal-ikel bl-isem ta’ *Cote D’Azur* li kien tal-hadid u l-injam. Hu dejjem ittratta ma’ John Cauchi li kien sahasitra ghazel il-kulur taz-zebgha. Iddikjara illi George Cauchi kien dejjem prezenti, imma meta kien javvicinah kien jirrferih ghal John Cauchi. Hu ddikjara li hareg l-*invoice* fuq ‘*Cote d’Azur’* u ndirizzah ukoll lil John Cauchi peress illi mieghu kien dejjem tkellem[1]. Kien jaf li kien inqala’ dizgwid bejn l-ahwa George u John Cauchi imma lilu dejjem qalulu li kien ser jithallas, sahansitra George Cauchi kien qallu li meta ser jiehu ir-*refunds* mill-V.A.T. ihallsu.

**John Cauchi** fix-xhieda tieghu ddikjara li hu *silent partner* tas-socjeta’ Geomike Limited. Illi pero’ ghalkemm ghandu nofs l-ishma hu ma jidhirx fuq ir-registru tal-MFSA bhala azzjonist u ghalhekk hemm kawza dwar din il-kwistjoni. Iddikjara illi l-attur kien hadem fil-post fuq it-tarag ta’ ‘*Cote d’Azur’* li huwa il-propjeta’ ta’ Geomike Limited. Ikkonferma li l-*invoice* prezentata hija skont ix-xoghol miftiehem u n-numru tal-VAT indikat fl-*invoice* huwa ta’ Geomike Limited. Kien hemm ukoll socjeta’ ohra nvoluta li kienet qieghda taghmel xoghol fuq il-post bl-isem ta’ Acma Limited li kienet irrakomandat l-attur biex jaghmel ix-xoghlijiet. Hu spjega illi bi ftehim ma’ huh, George Cauchi, kien ha hsieb tax-xoghlijiet li kienu qeghdin isiru fil-hanut u li kienu kollha saru bl-approvazzjoni ta’ huh. Ammetta li kien hu li kien il-*contact person* u ghalhekk

[1] Ara Dok TF1 a fol 53 tal-process

kien ta lill-attur in-numri u l-*emails* tieghu. L-istruzzjonijiet kienu nghataw mid-*designer* Carmelo Spiteri li kien jiehu l-ordnijiet tieghu minn John u Geroge Cauchi. Ikkonferma li x-xoghol sar sew u li ma kienx hemm ilmenti.

Xehed **George Cauchi** li ddikjara illi hu l-azzjonist assolut ta' Geomike Limited. Huwa kkonferma li n-numru tal-VAT fl-*invoice* huwa ta' Geomike Limited u ta' '*Cote d'Azur'*. Illi Cote D'Azur huwa l-propjeta ta' Geomike Limited. Hu ddikjara li huwa c-*Chief Manager* tal-post. Iddikjara wkoll illi x-xoghol kien sar pero' qatt ma ta l-ordinijet li dawn issiru. Dan ix-xoghol kien f'idejn huh u kien induna li sar xoghol ta' *spray* fuq it-tarag biss meta twahhal fir-restaurant. Qal li hu qatt ma tkellem mal-attur ghaliex kien huh li kien qieghed jiehu hsieb ir-*renovations* tal-hanut. Iddikjara illi huh kellu bagit li kellu jzomm mieghu u li seba' mitt ewro (€700) ghax-xoghol kien esagerat. Qal li ghalhekk huh kellu jkun repsonsabbli li jhallas l-'*invoice'* ghaliex hu ordna dan ix-xoghol. Ikkonferma pero' li tkellem ma' Tonio Friggieri u kien qallu li meta jiehu il-VAT *refunds* ihallsu. L-ilment tieghu kien illi huh kien nefaq wisq flus fuq il-post u li ma riedx tarag fit-tond imma huh xorta baqa' ghaddej bix-xoghol. Ammetta li kien halla kollox f'idejn huh ghaliex hu kien qed jahdem band' ohra.

**Carmel Spiteri,** l-*interior designer*, ikkonferma illi x-xoghol ta' *designs* li ghamel hu kienu a konoxxenza taghhom iz-zewgt t'ahwa. Qal li George Cauchi kien jkun fuq is-sit kuljum. Kien jaf x'inhu jigri u ma jiftakarx li qatt oggezzjona ghat-tarag.

Xehed in kontro-ezami Tonio Friggieri li ddikjara illi hu kien jahdem bhala sub-contractor ta' ACMA Limited. Illi ghall-ewwel kien ghamel stima flimkien ma' ACMA Limited imma kien ghamel stima separata ukoll u karta ta' VAT separata. Illi x-xoghol huwa jaghmlu f'garaxx privat u mhux fil-hanut ta' ACMA Limited. Illi nfatti ACMA Limited hadet passi legali ukoll ghaliex hi kellha tithallas somma akbar ghax-xoghol li ghamel.

**Ikkunsidra:**

Illi l-konvenuti w l-kjamat in kawza kollha ppremettew illi m'humiex il-legitimi kontradituri. Illi sommarjament dan huwa l-qofol tal-kwistjoni kollu ghaliex skont: (a) John Cauchi - l-ammont mhuwiex dovut minnu ghaliex ix-xoghol sar fuq ordni w a benefficcju ta' Geomike Limited; (b) skont George Cauchi - ix-xoghol sar fuq ordni ta' John Cauchi a benefficju ta' Geomike u li hu qatt ma ta ordni biex isir dan ix-xoghol; (c) u skont Geomike Limited fl-ebda hin ma dahlet fi trattattivi mal-attur biex isir dan ix-xoghol u ghalhekk qatt m'ordnat li jsir dan ix-xoghol – u li dan ix-xoghol sar fuq ordni ta' John Cauchi li qatt ma kien awtorizzat jirraprezenta lil Geomike Limited.

Dwar l-institut tal-legittimu kontradittur, it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'[2]:**

*Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

[2] deciza nhar l-5 t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell

Tezisti ukoll il-presunzjoni li bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, it-terz ikun ragonevolment jaf li jkun qed jikkontratta f' isem haddiehor[3]. Ghalhekk '*il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni*'[4].

Illi mill-provi hareg car illi kien John Cauchi li ghamel it-trattativi kollha mal-attur. Dan huwa fatt li gie konfermat mill-partijiet kollha sahansitra l-attur li ddikjara li George Cauchi kien jghidlu li kellhu jkellem lil huh.

Min-naha l-ohra hareg car illi x-xoghol sar ghal beneficcju tal-hanut *'Cote d'Azure'.* '*Cote d'Azure'* huwa l-propjeta ta' Geomike Limited. George Cauchi sallum l-uniku azzjonist registrat mal-MFSA ta' Geomike Limited.

Il-kwistjoni ghalhekk hi jekk John Cauchi, li kien qed imexxi x-xoghol ta' renovazzjoni fl-istess hanut, kellux l-kunsens ta' huh George biex jordna li jsiru x-xogholijiet partikolarment ix-xoghol mertu ta' din il-kawza jew jekk kien qed jagixxi f'ismu.

Illi mix-xhieda kollha jidher li John Cauchi kien qed imexxi r-renovazzjonijiet tal-hanut '*Cote d'Azur'* kollu u li huh George kien tah dan il-mandat tant illi ma kienx jkellem lill-haddiema hu imma jibghathom ghand huh.

Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, anke jekk ma kienx direttur jew azzjonist il-fatt li George Cauchi kien tah dan l-inkarigu ma jistax issa johrog minnha billi jghid illi ma kinitx Geomike Limited li ta' l-ordni ghax-xoghol. Infatti l-attur iddikjara li George Cauchi kien qallu li ser ihallsu u li qatt ma kien hemm ilmenti. Illi jidher li fl-ebda mument qabel ma saret il-kawza kien hemm xi ilment. Illi l-ilment li l-prezz kien eccessiv hareg biss da parti ta' George Cauchi fix-xhieda tieghu fl-andament tal-kawza.

---

[3] Ara **Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***, Appell, 6 ta' Ottubru 1999
[4] Ara ukoll **Camel Brand Co Limited vs Michael Debono** deciza, 21 ta' Marzu 2002

It-Tribunal jirrileva illi hu ghandu l-obbligazzjoni li jiddeciedi l-kawzi skont l-ekwita'. Tenut kont tal-fatti kollha u l-fatt li x-xoghol sar skont is-sengha u l-arti li sar gewwa '*Cote d'Azure'* li jappartjeni lil Geomike Limited ghanda ghalhekk thallas ghalih Geomike Limited.

Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John Cauchi u George Cauchi illi jilliberahom mill-osservanzana tal-gudizzju. Filwaqt li fil-kaz ta' Geomike Limited jichad l-eccezzjoni stante illi gie ppruvat illi hemm relazzjoni guridika mal-attur. Ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta' Geomike Limited sabiex thallas is-somma ta' seba' mija sebgha u sebghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€777.62) bl-imghaxijiet jiddekoru sal-gurnata tal-pagament effettiv bl-ispejjez kollha tal-kawza jigu ssopportati mis-socjeta' kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------